MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Numru 33/2015

Il-Pulizija

(Spettur Bernard Charles Spiteri)

-vs-

Fatah Mohmaud Hassan

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Fatah Mohamud Hassan ta' 31 sena, iben Hassan Mahamud u Sahra nee' Ahmed, mwieled Mogadishu, Somalia, fil-10 ta' Dicembru 1983 u residenti Flat 1, 'Sunset Court, triq il-Qroll, Xlendi, limit ta' Munxar Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 31614 (A) kif isegwi:

Illi fil-lejl ta' bejn 22 ta' Frar u 23 ta' Frar 2015 f'xi hin bejn 10.30 ta' filghaxija u 00.25 ta' filghodu waqt li kien qieghed fi Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex:

1. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' vettura tal-ghamla Volkswagen Gold ta' kulur iswed bil-pjanci tar-registrazzjoni DAS 546 ghad-dannu ta' Walid Salah Abdel Moteleb Mohamed, liema hsara ma taccedix aktar minn elfejn u hames mitt ewro (€2500) izda li teccedi aktar minn mitejn u hamsin euro (€250).

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn 22 ta' Frar u 23 ta' Frar 2014 fi x'hin bejn 10.30 ta' filghaxija u 00.25 ta' filghodu waqt li kien gewwa Flamingo Bar li jinsab fi Pjazza John F Kennedy, Rabat, Ghawdex hebb kontra l-persuna ta' Walid Salah Abdel Moteleb Mohamed sabiex jingurjah, idejqu jew jghmillu hsara.

3. U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Il-qorti hija gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Walid Salah Abdel Moteleb Mohamed u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli artikoli 7, 49, 50, 325 u 339 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini ta' l-atikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta timponi terminu ta' sitt xhur sabiex l-imputat ihallas is-somma ta' elf u mitejn euro (€1200) lil Walid Salah Abdel Moteleb Mohamed rapprezentanti danni sofferti mill-parte civile.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm rresponsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali fit-terminu mpost mil-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------